

## Motivi u argumenti prinċipali

Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lir-Renju tal-Belġu tali ma adottatx il-miżuri għall-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' April 2018.

---

### **Appell ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2019 mir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (Ir-Raba' Awla Estiża) fl-20 ta' Settembru 2019 fil-Kawża T-65/18, Il-Venezwela vs Il-Kunsill**

**(Kawża C-872/19 P)**

(2020/C 45/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### **Partijiet**

**Appellant:** Ir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela (rappreżentanti: L. Giuliano u F. Di Gianni, avvocati)

**Parti oħra fil-proċedura:** Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### **Talbiet**

L-appellant titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġogħa:

- tannulla s-sentenza appellata sa fejn din ċaħdet ir-rikors bħala inammissibbli;
- tiddikjara ammissibbli r-rikors ippreżentat mill-appellant u tibgħat l-kawża lura lill-Qorti Ġeneral sabiex hija tiddeċiedi dwar il-mertu tal-kawża; u
- tikkundanna lill-Kunsill iħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġeneral.

#### **Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell, l-appellant tinvoka aggravju wieħed maqsum fi tliet partijiet.

Il-Qorti Ġeneral interpretat ħażin il-kriterju ta' inċidenza diretta previst fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE fid-dawl tal-ġurisprudenza Almaz-Antey:

1. Il-Qorti Ġeneral applikat il-kriterju żabaljat sabiex tevalwa jekk id-dispożizzjonijiet ikkонтestati (<sup>(1)</sup>) jikkonċernawx direttament lir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela.
2. Il-Qorti Ġeneral wettqet żball ta' liġi peress li ma ġadix inkunsiderazzjoni xi ċirkustanzi essenziali tal-kawża inkwistjoni meta applikat il-kriterju ta' inċidenza diretta kif stabbilit fil-kawża Almaz-Antey.
3. Il-Qorti Ġeneral naqset milli tqis l-effetti fattwali tad-dispożizzjonijiet ikkонтestati fuq ir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela.

---

(<sup>1</sup>) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2074 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2017, L 295, p. 60).

---